MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1849/2003

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Carmela Vassallo**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin u disghin centezmu (Lm283.90) rappresentanti hlas dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 455197, skond kif jirrizulta mid-Dokumenti A u B annessi ma'l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin u disghin centezmu (Lm283.90), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------